MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## ANNA FELICE

Seduta tad-19 ta' Jannar, 2015

Mandat Numru. 1515/2014/1

**Tower Limited (C6069)**

**vs**

**Christopher Sammut u Pure Gold Limited**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ta' Tower Limited.

Rat id-dokumenti annessi.

Rat ir-risposta ta’ Christopher Sammut u Pure Gold Limited.

Rat id-dokumenti annessi.

Rat ir-rapport tal-Perit Arkitett Mario Cassar minnha mahtur biex jirrelata dwar il-proprjetajiet mertu ta’ dawn il-proceduri.

Rat li r-rikors thalla ghal digriet in camera.

Ikkunsidrat illi fi proceduri ta’ din ix-xorta l-ezami li jehtieg li jsir minn din il-Qorti huwa wiehed “prima facie” bi skrutinju profond fil-mertu jibqa’ essenzjalment rizervat ghal dik il-Qorti li tisma’ u tiddeciedi mill-kawza fil-mertu.

Fil-kaz in ezami, jirrizulta illi mad-daqqa t’ghajn, u dan skond ma gie konstatat mill-Perit Tekniku, ma jidhru li qed isiru ebda xogholijiet fuq dik il-proprjetà li s-socjetà rikorrenti ssostni li hija taghha.

Fid-dawl tal-fuq espost, ghaldaqstant il-Qorti ghalhekk tqis li r-rikorrenti ma rnexxielhomx jissodisfaw, lanqas sal-livell “prima facie” d-dettami tal-ligi fir-rigward, liema dettami huma kontenuti fl-Art. 873 tal-Kap. 12.

Ghaldaqstant il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi, filwaqt li tirrevoka d-digriet taghha tat-2 ta' Ottubru 2014, tichad it-talba ta' Tower Limited.

L-ispejjez jithallsu minn Tower Limited.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------